l-aċċent

Ħarġa nru 1
Diċembru 2009

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| Nilqgħukom | 1 |
| Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba | 2 |
| • Ħsibijiet dwar ir-Reviżjoni | 2 |
| • Bil-Kelma t-Tajba | 3 |
| Kelma b'kelma: It-terminoloġija | 4 |
| • Ħidmet it-terminologi fid-dipartiment | 4 |
| • Tgħid il-preskrizzjoni ġiet preskritta? | 4 |
| Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra | 6 |
| • Il-Konferenza ta' Bremen | 6 |
| Tisliba kriptika | 8 |


## Nilqgħukom
Antoine Cassar

*Waħda mill-virtujiet klassiċi tal-kultura Għarbija pre-Iżlamika kienet id-ḍiyāfah* (ضيافة)*, kunċett qrib u fl-istess ħin imbiegħed minn dak tal-**ospitalità**, tal-anqas kif sirna nifhmuha llum f'dawn iż-żminijiet ta' migrazzjoni kotrana u turiżmu tal-massa. Skont il-kodiċi tal-unur tal-Bedwini, id-ḍiyāfah titlob l-għoti ta' kenn, ikel u kulma jkun meħtieġ, mingħajr kundizzjoni u akkost ta' kollox, mhux biss lill-barrani u lill-vjandant għal għonq it-triq, iżda saħansitra wkoll lill-akbar u l-eħrex għadu. Il-faqar ma jeħles 'il ħadd minn dan id-dmir ta' ġenerożità, anzi jirdoppja l-unur tal-qadi: tant hu hekk li d-ḍiyāfah fiha wkoll element kbir ta' kompetizzjoni. Sedentarji jew nomadi, l-aktar ospiti fissieda –ngħidu aħna, dawk li jferrgħu l-aqwa nbid jew jifirxu l-isbaħ twapet– kienu jiġu mweġġħa fl-odi tal-poeti Għarbin, bħal dawk tax-**xahir** Ibn Tarafa mill-Baħrejn li, skumnikat mit-tribù tiegħu, ħarat il-peniżola Għarbija u kanta l-magnanimità ta' kull prinċep u raħħal Bedwin li għoġbu jilqgħu taħt it-tinda tiegħu.*

*Tiftixa siebra fid-dizzjunarji storiċi tindika li l-firxa tal-kliem Għarbi bl-għerq ḍ-j-f donnha ma laħqitx tidħol fil-lessiku Malti (il-kelmiet **difa**, **dgħif**, **dgħajjef** ġejjin minn għeruq differenti). Minflok, bil-ftuħ tat-twieqi u tal-portijiet, sabet postha fil-Malti modern il-kelma Taljana **ospitalità** msemmija aktar 'il fuq. Dan in-nom għandu storja etimoloġika twila u ftit kumplessa, kif jixhdu t-tifsiriet varji tax-xniexel kollha tiegħu (**sptar**, **ostili**, **ostaġġ** u l-bqija). Tnissel mil-Latin **hospes**, għaqda min-naħa tagħha tal-kelmtejn **hos(tis)** (barrani) u **pes** (setgħan). L-ambivalenza emozzjonali marbuta ma' din il-familja ta' kelmiet hija fiha nfisha sintomu tal-iżvilupp tagħha: il-verb Latin **hostire** kien ifisser (a) illivella, ġab ugwali; (b) patta, ivvendika ruħu; kif ukoll (ċ) laqat, sabbat. Meqjusa f'dan l-isfond, l-ospitalità ma tibqax tinftiehem biss bħala ġest lill-proxxmu li jintlaqa' daqslikieku wieħed ta' ġewwa, iżda timplika wkoll ħjiel ta' dnewwa jew vjolenza. Fl-istudju tiegħu **Le monolinguisme de l'autre**, Jacques Derrida (ħassieb Franko-Alġerin li, bħal Malta, iddakkar mill-kulturi ta' xaqliba u oħra tal-Mediterran) jistħarreġ din l-aporija* ta' ***hostis vs. hospes**, u jikkonkludi fost l-oħrajn li ma jistax ikun hemm ospitalità mingħajr il-possibbiltà l-oħra: mhux sempliċement l-għeluq tal-bieb, iżda l-isfidar ta' min jasal bla mistenni.*

*Minbarra l-użu tan-nom **ospitalità**, u forsi tan-nom inqas stabbilit **ospitu** (li jinstab l-aktar b'funzjoni aġġettivali, eż. '**Stat Membru ospitu**'), il-preferenza naturali tal-Malti hija l-użu tal-verb **laqa'**, li jorbot mad-dikotomija semantika ta' Derrida: daqskemm wieħed jista' jilqa' lill-mistieden bid-dirgħajn u l-bibien miftuħa, daqstant ieħor jista' jilqa' problema jew diffikultà. M'hemmx xi ngħidu, aktar milli każ ta' polisemija, iż-żewġ eżempji jaqsmu l-istess*

*tifsira tal-qofol – li dak li jkun jinsab lest li jirreaġixxi għal wieħed jew għall-oħra.*

*Bl-istess spirtu ta' ftuħ, u bit-twieqi mberrħa, nilqgħukom għal dan il-bulettin, u nilqgħu l-isfidi li jġib miegħu u jistedinna nsibu tarfhom. Bulettin ġdid ta' analiżi u diskussjoni, maħsub għat-tradutturi u għal kull min iħaddem l-ilsien Malti b'sengħa, li jiffoka sewwasew fuq l-użu professjonali tal-lingwa, mingħajr slaleb ta' Ġanni jew Ġorġ jew romantiċiżmi oħra barra minn lokhom. Għaliex il-lingwa, aktar milli bandiera tperper fir-riħ, hija n-nifs profond u kontinwu tal-poplu li jesprimi ruħu bih, tal-istess ċittadini li naqdu f'ħidmitna fid-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea.*

*Nilqgħukom ilkoll, u nistednukom tibagħtulna l-kontributi tagħkom, b'artikli ta' diskussjoni dwar il-lingwa miktuba (it-taqsima* ***Bir-reqqa****), kwistjonijiet ta' terminoloġija (****Kelma b'kelma****), jew kwalunkwe aspett ieħor marbut mal-użu professjonali tal-ilsien Malti (****Mill-għatba 'l barra****).*

~●~

## BIR-REQQA

***Il-lingwa miktuba***

**Ħsibijiet dwar ir-Reviżjoni**
Andrew Sammut

Ftit tax-xhur ilu ġie mistieden mid-DĠT s-Sur Brian Mossop mill-Canadian Translation Bureau biex jagħti żewġ diskorsi, wieħed fi Brussell u l-ieħor fil-Lussemburgu, dwar ir-Reviżjoni. L-interess kien kbir, u l-attendenza, bejn Brussell u l-Lussemburgu, kienet tgħodd mal-480 traduttur mil-lingwi kollha.

Is-Sur Mossop fetaħ id-diskors tiegħu bi kwotazzjoni minn Oscar Wilde: "Domt nofs ta' nhar sħiħ nirrevedi waħda mill-poeżiji tiegħi, u fl-aħħar neħħejtilha virgola. Wara nofsinhar erġajt daħħaltha." Bħala tradutturi, aħna lkoll nikkwalifikaw bħala nies "li jaħdmu bil-lingwa" u għalhekk għandna tendenza li l-kliem nixtarruh u niffissaw fuq l-irqaqat. Id-dettalji huma importanti, iżda jeħtieġ nitgħallmu biex ma niffittawx iżżejjed.

Fost affarijiet oħra, Brian Mossop semma d-distinzjoni bejn l-iċċekkjar u l-korrezzjoni. Għalih, ix-xogħol tar-reviżur għandu jwassal biex it-test li ġie rivedut ikun "fit-for-purpose", jiġifieri tajjeb biżżejjed. Aktar milli xogħol ta' korrezzjoni, ix-xogħol ta' reviżur huwa wieħed ta' qarrej, mhux ta' kittieb – ta' wieħed li qed jara, aktar milli wieħed li qed jibdel u jbiddel. Fil-fehma tiegħu, ma' kull problema potenzjali li niltaqgħu magħha, għandna nistaqsu lilna nfusna jekk il-bidla hijiex meħtieġa jew le, u jekk le, għandna negħlbu t-tentazzjoni li nbagħbsu dak li jiftiehem u li huwa tajjeb, u nibqgħu għaddejjin.

Is-Sur Mossop ta ċerta importanza wkoll lill-fatt li waħda mill-aktar affarijiet li ddejjaq lit-tradutturi hija meta r-reviżur jidhirlu li l-istil tiegħu huwa aħjar minn tat-traduttur. Fi kliem H.G. Wells: "Ma hemm l-ebda fissazzjoni fid-dinja bħal dik li tibdel it-test ta' xi ħadd ieħor."

Permezz ta' eżerċizzju, il-kelliem għalaq billi qabbel ir-reviżjoni komparattiva (mat-test oriġinali) u r-reviżjoni unilingwi. Fil-fehma tiegħu r-reviżjoni mhux bilfors għandha ssir minn traduttur ieħor, għax mhux dejjem ikun hemm bżonn tqabbil mat-test oriġinali. Dan jikkuntrasta ferm ma' dak li huwa meħtieġ mit-tradutturi tad-DĠT, li l-obbligu tagħhom huwa l-ewwel nett lejn it-test oriġinali u s-sinifikat tiegħu, partikolarment fejn għandhom x'jaqsmu l-liġijiet.

Forsi wasal ukoll iż-żmien li nerġgħu nevalwaw il-mod li bih nirrevedu? Hu x'inhu l-każ, ta' min dawn il-punti nżommuhom f'moħħna u, naqblu jew ma naqblux magħhom, inkunu miftuħa aktar

għal realtajiet u metodi oħra ta' xogħol. Niddiskutuhom? Dażgur. Kif kien intqal fis-seminar dwar ir-reviżjoni madwar sena ilu, għandna nżommu l-linji tal-komunikazzjoni miftuħa bejn it-traduttur u r-reviżur, mhux biss għal xogħol aħjar, imma għal relazzjonijiet tajba bejnietna. Hekk biss nistgħu nsibu bilanċ tajjeb bejn dak li huwa meħtieġ u dak li huwa żejjed.

~●~

**Bil-Kelma t-Tajba**

*F'din il-pubblikazzjoni ħsibna li nibdew inwasslu xi wħud mill-ispjegi ortografiċi miktuba mill-Professur Manwel Mifsud, Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Dawn l-ispjegi, ċari u loġiċi, kienu ġew ippubblikati fil-ġurnali lokali taħt it-titlu 'Bil-Kelma t-Tajba' u jafu jgħinuna nifhmu aħjar kwistjonijiet marbuta mal-ortografija. Hawnhekk se nwasslulkom żewġ spjegi.*

Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

L-isem li għażilna għal din il-kolonna għandu żewġ tifsiriet. Minn naħa jfisser li se tkun mera tal-aħjar użu tal-kelma Maltija, min-naħa l-oħra huwa idjoma Maltija li twassal tajjeb l-attitudni tal-Kunsill, li jixtieq jikkonvinċi bil-ħlewwa, mhux bl-impożizzjoni u biċ-ċensura. Aħna nemmnu li din hija t-triq li tixraq lill- pubbliku Malti intelliġenti, li jħobb u jgħożż ilsien art twelidu.

Għal kull **mistoqsija** se ssib:
(1) **Tweġiba** qasira li turik l-għażla t-tajba, fl-iqsar kliem, kemm tinqeda;
(2) **Spjega** iktar imlaħħma, għal min irid ikun jaf ir-raġuni u jixtieq jitgħarraf aħjar.

MISTOQSIJA nru 1: **fiex** jew **fhiex**?
TWEĠIBA: It-tajba hija biss **fiex**.
SPJEGA: Il-kelma fiex hija magħmula mill-prepożizzjoni **fi** marbuta mas-suffiss **–iex** li jfisser "xi ħaġa", sewwasew bħalma **biex** hija magħmula minn **bi** + **-iex**. Kliem ieħor mibni bl-istess mod huwa **għaliex** (**għal** + **-iex**) u **mniex** (**minn** + **-iex**).
Min jikteb ~~**fhiex**~~ jikteb ħażin, u aktarx ikun iħawwad il-kelma ma' kelmiet oħra bħal **ħsibthiex**, **rahiex**, **tniżżilhiex**, li fihom is-suffiss **–hiex** huwa magħmul mill-pronom mehmuż **–ha** (jiġifieri "lilha") u s-suffiss tan-negattiv **–x** (eż. **iniżżilha** [= **iniżżel lilha**] + **-x** > **iniżżilhiex**).

MISTOQSIJA nru 2: Għaliex daqqa nsib miktub **każ** u daqqa **kas**?
TWEĠIBA: **każ** u **kas** it-tnejn jeżistu, imma ma jfissrux u ma jintużawx l-istess:
1. **każ** (pl. **każi** jew **każijiet**) tfisser "xi ħaġa li tiġri" jew "okkażjoni partikolari" u tintuża, pereżempju, meta ngħidu: **fil-każ li jiġi ħuk**; **f'każ ta' ħruq**, jew **dawn huma każi speċjali**.
2. **kas** tfisser "attenzjoni" u tintuża biss fl-espressjoni **ta kas** bħal: **qatt ma ta kasi**; **tagħtux kashom**; **ma jagħti kas ta' ħadd**.
SPJEGA:
▪ Din il-kelma ta' nisel Rumanz (Sqalli casu, Taljan caso) daħlet fil-Malti f'żewġ għamliet differenti (u forsi f'żewġ perijodi jew komunitajiet differenti), u għalhekk għandha żewġ tifsiriet u fonetikament iġġib ruħha b'mod differenti.
▪ Il-konsonanti tal-aħħar turina d-differenza. Meta
warajha norbtu tarf li jibda b'vokali, tinstema':
jew (1) **–ż-** (bħal: **każi**, **każijiet**)
jew (2) **–s-** (bħal: **kasek**, **kasu**, **kasi**, **kasna**)
Għalhekk għandha żewġ suriet differenti fil-kitba.

Manwel Mifsud

~●~

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**Ħidmet it-terminologi fid-Dipartiment**
Mark Vella

F'din ir-rokna tal-bulettin tad-Dipartiment, minn żmien għall-ieħor sejrin nibdew nikkontribwixxu kitbiet żgħar dwar it-terminoloġija: il-problemi li niltaqgħu magħhom ta' kuljum, deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fil-qasam, aġġornamenti varji, u diskussjonijiet qosra dwar kurżitajiet marbuta mal-għażla tal-kliem.

Did-darba, però, nixtieq nintroduċilkom ix-xogħol tat-terminologi tad-Dipartiment. Tkellimna dwar dan f'bosta laqgħat, iżda ta' min nerġgħu nagħtu idea ta' din il-ħidma li għaddejja.

Id-Dipartiment bħalissa għandu erba' terminologi, wieħed ġenerali għad-dipartiment (jien), u wieħed għal kull unità (Bernard Cachia - 1, Reuben Seychell - 2, Ian Zammit - 3). Għandna perċentwal tal-ħin ta' ħidmitna allokat apposta għax-xogħol terminoloġiku, li fil-qofol jinqasam fil-konsulenza mal-kollegi u l-koordinazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-użu terminoloġiku, u t-tidħil tat-termini fil-IATE.

Fir-rigward tal-IATE, intrabatna fl-aħħar sitt xhur li nagħtu spinta lill-produzzjoni f'dan il-qasam. Ix-xogħol terminoloġiku qiegħed kull ma jmur jakkwista importanza programmatika dejjem akbar, anki mil-lat tal-pjani tad-Direttorat. Ilħaqna l-mira tagħna ta' 6,000 azzjoni IATE, li involviet mhux biss iż-żieda ta' termini ġodda (qrib l-2,000 terminu ġdid), iżda wkoll il-manutenzjoni tad-database, b'azzjonijiet li inkludew l-aġġornament tal-ħoloq għar-referenzi, l-aġġornament ortografiku tal-kontenut kollu bil-Malti li huwa proprjetà tal-Kummissjoni, u l-validazzjoni ta' 1,500 terminu sabiex jiġu jidhru fil-verżjoni għall-pubbliku tal-IATE (IATE Public: http://iate.europa.eu).

Fil-klassifika tax-xogħol fuq il-IATE, il-Malti qiegħed l-ewwel mid-dipartimenti tal-UE-15, u r-raba' mill-UE-15 + 2 + GA.

Iddaħħlu termini dwar oqsma varji taħt il-kappa tax-xemx, minn lista sħiħa ta' mard rari (li kienu dehru f'għadd ta' dokumenti SANCO) għal termini dwar is-sikurezza ferrovjarja, l-avjazzjoni, l-ismijiet ġodda tad-DGs u s-servizzi, u terminoloġija legali varja. Bħalissa għaddejjin ukoll mill-proċess li ntellgħu ammont kbir ta' termini (miġbura fi glossarji li pproċessajna) marbuta mal-inbid, il-karozzi u s-sajd, fost proġetti oħrajn. Dan ix-xogħol involva wkoll għadd ġmielu ta' tradutturi u assistenti (li jew siltu t-termini mil-liġijiet u għejun oħra, jew inkella ħadu sehem fl-ipproċessar u t-trattament tagħhom) u issa li sibna l-metodi u l-formati l-ideali biex inwettqu din il-ħidma, nistgħu nibdew inħarsu lejn il-miri tagħna iktar mil-lat kwalitattiv milli minn dak tal-kwantità, kif ukoll ninvolvu dejjem aktar nies f'dawn il-proġetti.

Inħeġġiġkom biex tikkonsultaw il-IATE waqt xogħolkom għaliex kull ma jmur qed jimtela b'kontenut siewi u aġġornat, kif ukoll biex tgħarrfuna b'xi korrezzjonijiet jew żidiet li tqisu li jmisshom isiru fid-database. Tistgħu wkoll toffrulna l-ideat u l-għajnuna tagħkom għal proġetti ġodda li taħsbu li jkunu ta' siwi.

L-aċċess għall-IATE huwa possibbli billi tfittxu permezz tal-QUEST (https://webgate.cec.eu-admin.net/questmetasearch/index.php), li jfittex fost l-oħrajn fil-IATE. Tistgħu wkoll taċċessaw il-IATE Public għal tiftixiet usa' u għal tqabbil ma' ilsna oħra.

~●~

**Tgħid il-preskrizzjoni ġiet preskritta?**
Alan Xuereb

Riċentement qamet diskussjoni bejn xi kollegi dwar il-verb "ippreskriva" u, naturalment, dwar id-derivanti u l- konjugazzjonijiet tiegħu.

Il-kwistjoni qamet bħala riżultat ta' dibattitu dwar jekk dan it-terminu għandux jiddaħħal f'lista ta' ħbieb foloz (false friends). Wieħed irid joqgħod attent x'jinkludi f'lista bħal din sabiex

ma ssirx inġustizzja ma' termini li jistgħu jgħinuna fl-iddiversikar tal-espressjoni legali.

Il-kunċett ta' preskrizzjoni għandu mill-inqas tliet tifsiriet prinċipali: (1) L-ewwel nett hemm dik fil-common parlance, u ċjoè il-preskrizzjoni tat-tabib komunement imsejħa "riċetta". Imbagħad hemm żewġ tipi ta' preskrizzjoni legali: (2) dik akkwiżittiva (*usucapio*[1]) u (3) dik estintiva[2], ċjoè dik li testingwi azzjoni (u din tista' tkun kemm ċivili kif ukoll kriminali).

Madanakollu, il-verb "tippreskrivi" jista' jkollu wkoll utilità fil-qasam ġuridiku-legali taħt aspett ieħor, jiġifieri f'dak aktar filosofiku ġuridiku bħalma nsibu fid-definizzjoni tal-kunċett tad-Dritt, ċjoè:

"*Id-Dritt jista' jiġi definit bħala dik il-premessa miktuba jew li tista' tinkiteb li **tippreskrivi** komportament interpersonali ġust*"[3] jew ukoll "*l-Artikolu 52 jippreskrivi l-miżura XYZ .....*"

Wieħed madanakollu jrid joqgħod attent ħafna għaliex is-sens jinbidel drastikament meta wieħed jgħid "it-terminu preskrittiv/il-preskrizzjoni msemmi/ja fl-Artikolu 52". Dan jista' jfisser li hemm terminu ta' validità li qabeż żmienu u għaldaqstant ġie estint, jew preskritt. Naturalment, it-tifsira intiża ħafna drabi tista' tittieħed mis-sens u mill-kuntest. Naf ukoll li jeżistu termini oħrajn (forsi aktar użati) bħal *jistabbilixxi*, *isemmi*, *jipprevedi* li jistgħu jrendu l-idea tajjeb. Iżda minkejja dan, il-kelma "jippreskrivi" għandha wkoll din il-funzjoni, li mhux ta' min jarmiha.

Pereżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, sede superjuri, fil-każ relattivament riċenti (2005) "MAGRO RAYMOND ET vs MAGRO RITA ET NOE", il-Qorti (komposta fost l-oħrajn mill-Prim Imħallef DeGaetano) qalet:

"Dan l-Artikolu ***jippreskrivi*** illi:"*Il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess jekk jipprova illi fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fizika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha*."

Naturalment, fuq dan il-kunċett waħdu jista' jinkiteb volum sħiħ u jista' jkun hawn min jaqbel u min ma jaqbilx, iżda dak hu s-sabiħ tax-xogħol tagħna.

-----------------

[1] Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza "DIRETTUR TAL-ARTIJIET vs POLIDANO BROTHERS LIMITED" Prim'Awla, Qorti Ċivili – Tonio Mallia 07/07/2004.

[2] Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza "TESTAFERRATA MORONI VIANI SALVINO ET vs MONTANARO FRANCIS" Prima'Awla, Qorti Ċivili – Philip Sciberras 27/06/2003.

[3] Oriġinarjament tal-Prof. J.J. Mifsud Bonnici.

~●~




*"Rajtx ibni, kemm hu importanti li tkun taf ilsna barranin?*

Disinn ta' Ramon Corrado

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*

### Konferenza ta' Bremen

GĦILM

It-Tieni Konferenza Internazzjonali dwar il-Lingwistika Maltija, 19-21 ta' Settembru '09

It-tieni Konferenza dwar il-Lingwistika Maltija organizzata mill-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija fl-Università ta' Bremen, il-Ġermanja, f'Settembru li għadda, kienet tassew fiera ta' studji dwar il-lingwa Maltija. Fiha ħadu sehem akkademiċi u studenti Maltin u barranin li l-interess komuni tagħhom kien li jaqsmu l-istħarriġ li qed jagħmlu dwar aspetti lingwistiċi tal-ilsien Malti.

Fil-konferenza ħarġu diversi aħbarijiet interessanti dwar x'riżultati qed iwasslu d-diversi riċerki li saru jew qed isiru. Pereżempju proġett minnhom, li qed isir minn akkademiċi Amerikani, wassal biex sa llum inġabru mat-3.2 miljun kelma bil-Malti li ttieħdu minn tliet gazzetti onlajn: *L-Orizzont*, *Illum* u *Maltarightnow*.

L-iskop tal-proġett huwa biex imbagħad issir riċerka dwar il-kliem l-aktar komuni fost il-Maltin u l-oriġini tal-kliem użat.

Riċerka oħra saret dwar kemm-il kelma differenti uża l-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila fil-poeżiji tiegħu bil-Malti: mal-65,000. Dan l-istudju jagħti ħjiel dwar it-temi tal-poeżiji li kiteb Dun Karm u anki kemm kellu kliem ta' oriġini semitika, fost affarijiet oħra. Taħdita oħra interessanti kienet fuq x'tip ta' Malti Mgħaġġel (kif qed isejħulu) qed jinkiteb fil-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

Diversi kelliema daħlu fid-dettall dwar xi djaletti Maltin bħan-Naduri, ix-Xlukkajr u ż-Żurrieqi u kif dawn jitqabblu bejtniehom. Saħansitra saret analiżi dwar kemm baqa' konsonanti gutturali fl-ilsien Malti ta' llum meta mqabbel mal-Malti kif inkiteb fi żmien Pietro Caxaro fis-seklu 15. Taħdita oħra kienet dwar x'tip ta' vokabularju qed jintuża fil-liġijiet Maltin u dawk Ewropej maqluba għall-Malti. Kien hemm ukoll diskussjoni dwar il-kumplimenti li jagħtu l-Maltin bejniethom; dwar it-tlissin tal-vokali u l-pawżiet fit-taħdit; dwar kif il-Maltin jitkellmu bl-Ingliż; u bosta suġġetti oħra.

Is-sabiħ tal-konferenza kien f'li wieħed jisma' barranin bħal Ġermaniżi, Franċiżi, Taljani u Amerikani jitkellmu jew ilissnu kliem bil-Malti, uħud minnhom b'ċerta faċilità liema bħalha. Il-konferenza serviet ukoll biex uffiċjali mid-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni jibnu kuntatti ma' dawn l-istudjużi u akkademiċi bil-għan li fil-futur qrib tinbeda sensiela ta' skambji, konferenzi u kooperazzjoni mat-tradutturi Maltin fil-Lussemburgu. Diġà saru xi kuntatti u anki ttieħdu xi deċiżjonijiet biex id-Dipartiment tal-Malti jisfrutta dawn it-talenti esposti fil-konferenza biex titjieb il-kwalità tat-traduzzjonijiet Maltin u anki jissaħħaħ l-għarfien tal-Malti fost it-tradutturi Maltin.

Carmel Attard

Din kienet it-tieni parteċipazzjoni tiegħi fil-Konferenza tal-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija, wara dik li kienet saret sentejn ilu, proprju meta twaqqfet l-għaqda. Ikolli ngħid li fir-rwol tiegħi fi ħdan l-Unità D.1 okkażjonijiet bħal dawn huma ta' valur kbir, kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll f'termini ta' kuntatti li wieħed jistabbilixxi meta jqatta' 3 ijiem ma' bosta esponenti fil-qasam tal-lingwa. Wara l-perjodu li għamilt fil-Lussemburgu bħala traduttur, illum napprezza aktar kemm hu importanti li wieħed ikun espost għall-iżviluppi fil-lingwa kemm fl-użu ta' kuljum (partikolarment fit-taħdit u fuq il-mezzi tax-xandir u l-komunikazzjoni) kif ukoll fuq livell akkademiku.

Minbarra l-għadd ta' taħditiet ta' interess ġenerali għal kull min iħaddem il-lingwa bil-miktub fuq bażi regolari, kien hemm taħditiet oħrajn li kienu

aktar speċjalizzati fejn tidħol il-lingwistika. Forsi ta' interess partikolari għalina fid-DĠT kienet taħdita dwar il-varjetajiet lingwisitiċi użati fil-leġiżlazzjoni tal-UE meta mqabbla mal-istrumenti legali lokali li jittrasponuha. B'hekk wieħed seta' jara, ngħidu aħna, jeżistux differenzi bejn il-verżjonijiet bil-Malti tad-direttivi tal-UE u l-liġijiet domestiċi li jimplimentawhom. Minn eżerċizzju bħal dan wieħed jista' jikkumpara fuq liema livelli jvarjaw dawn iż-żewġ 'stili' ta' abbozzar (lessikali, sintattiku, eċċ.) u, fuq kollox, jekk jinfluwenzawx lil xulxin.

Imbagħad ġie spjegat ukoll kemm xogħol qed isir, f'direzzjonijiet differenti, li jista' jwassal għal għarfien u għodod lingwistiċi utli. Ngħidu aħna, il-ħolqien ta' korpus lingwistiku f'format diġitali - sforzi li qed isiru kemm fl-Università ta' Malta kif ukoll f'università Amerikana - huwa essenzjali biex tkun faċilitata r-riċerka u jiġu żviluppati għodod anki teknoloġiċi bħal ċekkjatur.

Daqstant ieħor kienu importanti d-diskussjonijiet li jiżvolġu b'mod informali mal-parteċipanti l-oħra, li jgħinu mhux ftit biex xogħolna u l-prattiki li nħaddmu jitfissrulhom b'mod konkret. B'hekk tinkiseb aktar fiduċja fil- prodott li joħroġ mid-DĠT u jinħolqu sinerġiji għal aktar kooperazzjoni mad-dinja akkademika, li tant hi importanti biex inżommu l-pass mal-iżviluppi fil-lingwa u biex il-kwalità ta' dak li niktbu tibqa' għolja.

Angelo Chetcuti

Matul il-konferenza, ir-riċerkaturi u x-xjenzati preżenti tkellmu dwar diversi temi u kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-lingwistika Maltija, fosthom dwar il-lessiku, il-lingwaġġ taż-żgħażagħ u t-tibdil fil-lingwa, il-varjazzjonijiet fonetiċi fil-Malti matul is-snin, u suġġetti oħrajn.

Jien kont fost dawk li taw sehemhom matul il-konferenza, mhux biss billi ħadt sehem b'mod attiv fid-diskussjonijiet, iżda wkoll billi tkellimt, flimkien ma' Alexandra Vella, Sarah Grech u Michael Spagnol, dwar ir-riċerka li għamilt magħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-hekk imsejħa "filled pauses" (waqfiet li minflok is-skiet ikun fihom xi tip ta' espressjoni mitħaddta) fil-Malti. Din ir-riċerka, ippreżentata waqt il-konferenza mill-erba' riċerkaturi fi preżentazzjoni, imsejħa "Interspeaker variation in the type and prosody of filled pauses in Maltese", kienet imsejsa fuq dejta minn korpus ta' Malti mitkellem li l-erbgħa li aħna ttraskrivejna u għamilna annotazzjoni tiegħu flimkien fil-qafas ta' proġett imsejjaħ "SPAN". Din l-annotazzjoni kienet tinkludi, fost affarijiet oħra, livell li fih huma indikati l-"filled pauses". L-istudjużi mhux kollha jaqblu dwar x'inhuma l-"filled pauses" eżatt, iżda kollha jaqblu dwar il-fatt li huma elementi tat-taħdit li jservu bħala mezz kif jimtlew is-silenzji li jiġu minħabba xi waqfa ta' xi tip, iktar milli biex jingħadda xi tagħrif; li jistgħu jkollhom xi tifsira jew iservu bħala mezz ta' komunikazzjoni, imma li mhux bilfors ikunu qed jaqdu dejjem din il-funzjoni; u li għandhom rwol importanti fl-organizzazzjoni tat-taħdit.



Ritratt: Michael Apweiler

It-taħdita li aħna l-erbgħa tajna matul din il-konferenza kellha żewġ għanijiet prinċipali: (1) li jiġu identifikati l-"filled pauses" misjubin fid-dejta analizzata; u (2) li jiġu eżaminati t-tip u s-"sura" fonetika tad-diversi tipi ta' "filled pauses", flimkien mad-distribuzzjoni tagħhom. L-analiżi wriet li kien hemm tliet tipi ta' forom li kienu "filled pauses" ta' veru, li kienu "eee", "emm" u "mmm", u li kien hemm ukoll waqfiet oħrajn li kienu jinvolvu forom li huma kważi kliem, bħal pereżempju "eħe" u "mhm", flimkien ma' waqfiet oħra li kienu jinvolvu forom b'funzjoni kważi paralingwistika bħal "eqq"u "tsk".

Mill-analiżi ħareġ il-bżonn li tiġi standardizzata l-annotazzjoni tal-forom sabiex forom li jkunu tal-istess tip ta' "filled pause" jinkitbu bl-istess mod. Barra minn hekk, l-analiżi tad-distribuzzjoni tal-"filled pauses" uriet li hemm tendenza qawwija li qabel jew wara l-"filled pauses" jew inkella qabilhom u warajhom, ikun hemm waqfa (jiġifieri mument ta' silenzju).

L-erbgħa li aħna ħassejna li l-konferenza kienet interessanti u li serviet bħala opportunità biex naġġornaw ruħna dwar dak li qed isir dan l-aħħar b'rabta mal-lingwistika Maltija, u biex nibnu u nseddqu r-rabtiet tagħna ma' dawk l-istudjużi li qed isawru l-qasam tal-lingwistika Maltija dal-ħin.

Flavia Chetcuti

~●~

Din il-pubblikazzjoni se tkun disponibbli wkoll f'

**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna fuq: **l-accent@ec.europa.eu**

*Bord editorjali:*

*Stephanie Bugeja, Antoine Cassar, Chris Galea, Sandro Mangion, Rowena Schranz, Louise Vella jew Alan Xuereb*

*Impaġnar: Chris Galea*

**Ċaħda** Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bullettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni, u lanqas is-servizzi tagħha, ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.

## TISLIBA KRIPTIKA 1




© Antoine Cassar 2009.

Eżempju:

*2 - Fuq l-iskrivanija jispjega r-rit, imbagħad idawwar il-vit (10)*

Is-sentenza kif inhi ma tantx tagħmel sens... li rridu nagħmlu hu li nanalizzaw il-kliem individwali. It-tweġiba f'dan il-każ hija ***deskrittiv*** : mill-kelma «*skrivanija*» nġibu l-kelma *desk*, imbagħad insibu l-ittri «*rit*», u jekk indawru l-kelma «*vit*» ikollna s-sekwenza *tiv*; b'hekk naslu sal-kelma *desk* + *rit* + *tiv*, li tfisser xi ħaġa li tiddeskrivi jew li «*(t)ispjega*».

MIMDUDIN
2 Fuq l-iskrivanija jispjega r-rit, imbagħad idawwar il-vit (10)
6 Waqa' bl-aħjar mod possibbli u tilef denbu (4)
7 Sar, spiċċa jew daħal f'nofs ix-xarabank, anzi ġol-baħar (9)
12 X'jagħmel Ian Bugeja meta jiġi ta' l-aħħar? (7)
13 Għaxxaq lix-xerrej u nqaleb ta' taħt fuq (6)
15 Xejn ma tiftakar wara dak l-episodju tal-każin, imma nobbli tibqa' (9)
16 Hemm min jgħid li ma jitkellimx sew, imma m'għandux dritt (8)
18 Sajru l-ikel, hu telaq, hi saret stramba (7)
20 Biċċa ħamrija, maqluba u mdemmija (7)
21 Jaf għaxar kelmiet bil-Latin, jaf jesprimi ruħu, u jaf iżejjen (9)
22 Kien aktar ħabrieki, imma nbidel u issa ħadd ma jridu (5)
23 Għaref iżda mgerfex, skond l-għasluġ (6)
24 Dari kellha alki: bidla kbira kellha bżonn! (8)

WEQFIN
1 Bhima mistħija? (4)
3 Dak li hu veru rabba l-ġwienaħ, telaq u sar ċatt (7)
4 Skappaw tnejn minn taħt ix-xemx (5)
5 Stat li fih in-nida tersaq lejn il-karma (9)
8 Tara waħda biss, imma taqdi (8)
9 Veru li żarma s-sodda? Ma nafx, imma b'xi mod irid jitgħatta (5)
10 Qal il-ħmerijiet, rabba ta' l-ewwel, imbagħad ittiekel (7)
11 Fiċ-Ċina mingħajr kapitali, il-laħam forsi mhux favur il-kafè (8)
14 Appik li jipprova xortih, tgħid ifendi l-lant? (9)
16 Żewġ karamelli Ingliżi, waħda bla tarf, Ingliżi m'għadhomx (7)
17 Sar isfar? Le, tkaxkar u telaq (6)
19 Kważi stilla, iżul min-nofs, jikber 'l isfel (6)

~●~